



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 208/23

Il-Lussemburgu, 21 ta' Diċembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-281/22 | G. K. et (L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew)

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew: il-Qorti tal-Ġustizzja tikkjarifika l-eżerċizzju tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' miżuri ta' investigazzjoni transkonfinali mill-qrati nazzjonali

Meta l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew iwettaq investigazzjoni f'diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-qrati tal-Istat Membru tal-prosekutur li huwa responsabbli għall-investigazzjoni jkunu kompetenti sabiex jivverifikaw l-adozzjoni u l-ġustifikazzjoni tal-miżuri ta' investigazzjoni. L-istħarriġ ġudizzjarju ta' miżuri ta' investigazzjoni fi Stati Membri oħra jista' jikkonċerna biss elementi relatati mal-eżekuzzjoni ta' dawn il-miżuri. Fil-każ ta' ndħil gravi fid-drittijiet tal-persuna kkonċernata ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-miżuri ta' investigazzjoni għandhom ikunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju minn qabel fl-Istat Membru tal-prosekutur li jkun responsabbli għall-investigazzjoni.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu s-setgħa ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni fir-rigward ta' awturi ta' reati li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Huwa organizzat fuq żewġ livelli, kemm livell ċentrali kif ukoll livell deċentralizzat. Dan l-aħħar livell huwa kkostitwit minn Prosekuturi Delegati Ewropej (PDE), li jinsabu fl-Istati Membri.

F'din il-kawża, diversi persuni ġew akkużati bi frodi relatati mal-importazzjoni tal-biodiesel fl-Unjoni. Dan il-frodi allegatament ikkawża dannu ta' madwar EUR 1 295 000 għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew wettaq investigazzjoni permezz tal-PDE inkarigat mill-każ fil-Ġermanja. Għall-finijiet tal-investigazzjoni, ġew ordnati t-tfittxija u l-qbid ta' beni fl-Awstrija. Għalhekk, il-PDE Ġermaniż inkarigat mill-każ iddelega l-eżekuzzjoni ta' dawn il-miżuri lil assistent PDE Awstrijak.

Il-persuni akkużati kkontestaw dawn il-miżuri ta' investigazzjoni quddiem il-qorti Awstrijaka. Din iddeċidiet li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tistabbilixxi jekk hijiex awtorizzata twettaq stħarriġ komplet (paragunabbli għal dak li kienet twettaq f'sitwazzjoni purament interna) jew jekk l-istħarriġ tagħha kellux ikun limitat għal kwistjonijiet ta' natura proċedurali marbuta mal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' investigazzjoni transkonfinali.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li l-istħarriġ tal-assistent PDE għandu jkun limitat għall-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' investigazzjoni transkonfinali. Fil-fatt, l-adozzjoni kif ukoll il-ġustifikazzjoni ta' miżura ta' investigazzjoni huma rregolati mid-dritt tal-Istat Membru tal-PDE inkarigat mill-każ, filwaqt li l-eżekuzzjoni ta' tali miżura hija rregolata mid-dritt tal-Istat Membru tal-assistent PDE.

Madankollu, **fir-rigward ta' miżuri ta' investigazzjoni li jinkludu ndħil serju fid-drittijiet fundamentali**, bħall-miżuri ta' tfittxija, huwa l-Istat Membru tal-PDE inkarigat mill-każ li għandu jipprovdi, fid-dritt nazzjonali, garanziji xierqa u suffiċjenti, bħal **stħarriġ ġudizzjarju minn qabel**, sabiex jiġu żgurati l-legalità u n-neċessità ta' tali miżuri.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

